

Brussell, 11 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

14906/1/25  
REV 1  
PV CONS 57  
ENV 1153  
CLIMA 499  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Ambjent)  
4 ta' Novembru 2025

1. **Adozzjoni tal-aġenda**

Il-Kunsill adotta l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 14489/25.

2. **Approvazzjoni tal-punti "A"**

**Lista mhux leġiżlattiva**

14602/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha preżentati għall-adozzjoni.

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

3. **Emenda fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima**



14715/25

*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament emendatorju tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima kif jinsab fid-dokument 14960/25 + COR 1. **Iċ-Ċekja, il-Polonja, is-Slovakkja u l-Ungerija** ddikjaraw li ma kinux f'pożizzjoni li jappoġġaw l-approċċ ġenerali. **Il-Bulgarija** ddikjarat l-astensjoni tagħha dwar l-approċċ ġenerali.

L-Awstrija, il-Ġermanja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, is-Slovakkja u l-Kummissjoni ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsab fl-Anness.

**Attivitajiet mhux leġiżlattivi**

4. **Preżentazzjoni tal-UE ta' Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) aġġornat lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC)**

14716/25

*Approvazzjoni*

## Affarijiet oħra

5. **Lista leġiżlattiva attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

**Ħtieġa urġenti għal posponiment u simplifikazzjoni sostantiva tar-Regolament tal-UE dwar id-Deforestazzjoni (EUDR)**

**IC** 14736/25

*Informazzjoni mill-Awstrija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Awstrija, kif ukoll tal-intervent minn delegazzjonijiet oħra.



L-ewwel qari



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

---

**Dikjarazzjonijiet għall-punt leġiżlattiv "B" li jinsab fid-dokument 14489/25**

**Dwar il-punt "B"**      **Emenda fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima**  
**nru 3:**                      *Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"L-Awstrija tiegħu nota tal-għan ambizzjuż stabbilit fil-Liġi tal-UE dwar il-Klima li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b' 90 % netti sal-2040. Huwa ċar li miri ambizzjużi bħal dawn jirrikjedu l-istabbiliment ta' qafas ta' abilitazzjoni robust u affidabbli, li jipprovdi ċertezza legali li jissalvagwardja bażi industrijali Ewropea soda u jevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Filwaqt li jiġi rikonoxxut li mhux id-dettalji speċifiċi kollha jistgħu jiġu ffinalizzati fl-iterazzjoni attwali tal-Liġi tal-UE dwar il-Klima, u li ħafna aspetti ser jiġu indirizzati fil-proposti leġiżlattivi li ġejjin, għadu essenzjali li l-Liġi dwar il-Klima ttiprovdi qafas ċar u prevedibbli għall-intrapriżi tagħna biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni effettiva tagħha għal futur b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

It-trasformazzjoni għan-newtralità klimatika hija opportunità għall-innovazzjoni u t-tkabbir. Fl-istess ħin, irridu nkunu konxji wkoll tar-riskji u l-isfidi li jakkumpanjaw din it-tranżizzjoni. Sabiex ikun hemm ambjent ta' appoġġ għall-industrija tagħna, huwa vitali li nirrestawraw klima ta' investiment attraenti li tiżgura l-kompetittività ekonomika, l-impjiegi u l-istabbiltà soċjali.

F'dan il-kuntest, l-elementi ewlenin li ġejjin għadhom ta' importanza partikolari għall-Awstrija:

- **Tneħħija aktar gradwali tal-allokkazzjoni ta' Kwoti bla ħlas fl-ETS mill-2028:**
  - L-Awstrija tenfasizza l-ħtieġa għall-estensjoni tal-kwoti bla ħlas tas-CO2 fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) lil hinn mill-2034 bħala komplement meħtieġ għat-tneħħija aktar gradwali tal-kwoti bla ħlas mill-2026.
  - Barra minn hekk, huwa kruċjali li tonqos it-trajettorja tal-eliminazzjoni gradwali tal-kwoti bla ħlas mis-sena 2028 biex jiġi evitat piż żejjed fuq l-industriji matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

- It-tnejn li huma għandhom jiġu riflessi b'mod adegwat fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ETS u r-Regolament CBAM.
- L-Awstrija tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tippreżenta l-proposti rispettivi mill-aktar fis possibbli.
- **Krediti Internazzjonali ta' Kwalità Għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi:**
  - L-Awstrija tappoġġa l-proposta li jiġi permess l-użu ta' krediti internazzjonali fl-ETS qabel l-2036, skont kriterji ambjentali u ta' sostenibbiltà stretti.
  - L-inklużjoni potenzjali taċ-ċertifikati internazzjonali jenħtieġ li tiġi eżaminata bir-reqqa fil-qafas ta' valutazzjoni tal-impatt biex jiġi żgurat li tallinja mal-għanijiet ġenerali ta' dekarbonizzazzjoni. Jenħtieġ li l-użu possibbli ta' dawn iċ-ċertifikati fl-ETS jiġi eżaminat b'mod miftuħ."

## DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja tappoġġa tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet netti sal-2040, kif propost mill-Kummissjoni Ewropea, soġġett għal tliet kondizzjonijiet:

1. Il-kontribuzzjoni Ġermaniża trid tkun konsistenti mal-mira klimatika nazzjonali tal-Ġermanja għall-2040. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-mira klimatika l-għdida tal-UE għall-2040 ma tridx tirriżulta f'rekwiżiti jew obbligi addizzjonali ta' tnaqqis għas-setturi kkonċernati fil-Ġermanja.
2. L-integrazzjoni ta' bjar permanenti fil-politiki tal-UE;
3. Kontribuzzjoni ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja li tammonta għal massimu ta' tliet punti perċentwali tal-mira interim tal-2040.

Barra minn hekk, għandha tiġi garantita protezzjoni effettiva tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju sabiex jinżamm il-valur miżjud tagħna.

Abbażi ta' dawn il-kundizzjonijiet, il-prijoritajiet li ġejjin iridu jitqiesu fit-tfassil tal-pakkett dwar il-klima tal-UE għall-2040 li jmiss kif ukoll fid-dawl tat-Trilogi li ġejjin mal-Parlament Ewropew:

L-ewwel nett, iċ-ċertifikati internazzjonali skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi għandhom iservu bħala "xibka ta' sikurezza", filwaqt li l-qafas tal-UE għall-protezzjoni tal-klima ser jiġi kkalibrat għal tnaqqis ta' 90 %. L-għażla li jintużaw ċertifikati internazzjonali għandha tiġi applikata f'dawk is-setturi li qed jesperjenzaw l-akbar diffikultajiet biex jilhqqu l-miri tagħhom. L-ETS għandha titqies ukoll f'dan il-kuntest, għalkemm l-użu dirett ta' ċertifikati internazzjonali għall-konformità fl-ETS mhux ser ikun permess.

It-tieni, il-valur ta' referenza għar-rwol limitat tal-krediti tal-Artikolu 6 għandu jirreferi direttament għall-mira interim tal-2040. Nifhmu l-Artikolu 4(5)(a) tal-Liġi emendata tal-UE dwar il-Klima fis-sens li mill-2036 'il quddiem, jista' jkun hemm kontribut limitat għall-mira klimatika għall-2040 ta' krediti internazzjonali ta' kwalità għolja skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim ta' Pariġi li jilhqqu sa 3 % tal-emissjonijiet netti tal-1990 sal-2040.

It-tielet, l-integrazzjoni ta' emissjonijiet negattivi permanenti - sa ċertu punt - fl-ETS trid issir b'mod li jippreserva l-integrità tagħha u ma jwassalx biex ma jinkisibx it-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet. Barra minn hekk, trid tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-emissjonijiet negattivi permanenti.

Ir-raba', skont il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tal-UE tal-mira klimatika għall-2040, l-emissjonijiet rilevanti għadhom mistennija fis-setturi tal-ETS fl-2040. Nifhmu l-Premessa 8a, ir-raba' sentenza, fis-sens li l-fattur lineari ta' tnaqqis fl-EU ETS ser jiġi aġġustat mill-2036 'il quddiem sabiex jirrifletti l-emissjonijiet residwi fis-setturi rilevanti kompatibbli ma' tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet sal-2040.

Il-ħames, il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri jrid jitfassal biex ma jkunx burokratiku imma effiċjenti. F'dan il-kuntest, nilqgħu s-simplifikazzjonijiet li diġà ntlaħaq qbil dwarhom bħala parti mill-Pakkett Omnibus. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea trid tippreżenta minnufih proposti regolatorji għal aġġustament uniformi fl-UE kollha u konformi mad-WTO għall-esportazzjonijiet ta' prodotti koperti mis-CBAM. Jekk ma tkunx tista' tinkiseb protezzjoni effettiva tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju permezz tas-CBAM, il-kompetittività għall-industriji orjentati lejn l-esportazzjoni jenħtieġ li tkompli tiġi rregolata permezz tal-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti.

Fl-aħħar nett, il-gvern Ġermaniż jappoġġa l-espansjoni tas-settur għall-kumpens tal-prezz tal-elettriku propost mill-Kummissjoni Ewropea."

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija ma tistax tappoġġa l-mira ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet ta' 90 %, għalhekk ma nistgħux nappoġġaw l-approċċ ġenerali. Tali livell ta' ambizzjoni mhuwiex kompatibbli mal-objettiv li jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa. Mingħajr kundizzjonijiet abilitanti realistiċi u effettivi, hemm riskju serju li l-kumpaniji Ewropej jirrilokaw il-produzzjoni u l-emissjonijiet tagħhom barra mill-Unjoni, u dan iwassal għal deindustrijalizzazzjoni, telf ta' impjiegi u dipendenza akbar fuq atturi esterni, filwaqt li fl-istess ħin idgħajjef l-isforzi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Il-proposta mhijiex mirfuda minn valutazzjoni tal-impatt aġġornata li tirrifletti l-iżviluppi ġeopolitiċi u ekonomiċi ewlenin reċenti. Ma ġiet ippreżentata l-ebda analiżi fil-livell tal-Istati Membri, li jfisser li l-impatti differenzjati fuq l-Istati Membri għadhom mhux magħrufa. Għalhekk, is-sitwazzjoni hija simili għall-adozzjoni tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", l-ekonomija Ewropea jeħtieġ li tadatta għall-miżuri klimatiċi, u mhux viċi versa.

Għalkemm aħna nappoġġaw l-ambizzjoni klimatika, nappellaw għal approċċ prammatiku realistiku u nemmnu li l-għażla għaqlija tkun li nibdew minn mira aktar baxxa, li tirrifletti r-realtajiet ekonomiċi tagħna. L-impenn tagħna lejn l-ambizzjoni jintwera wkoll mill-kisbiet tagħna, l-Ungerija diġà kisbet tnaqqis ta' 48 % fl-emissjonijiet meta mqabbla mal-1990, ferm ogħla mill-medja tal-UE. Fl-istess ħin, għadd ta' Stati Membri ma għamlux progress komparabbli, u dan qajjem il-kwistjoni dwar kif il-mira kollettiva tista' tintlaħaq b'mod ġust u bbilanċjat. Aħna lkoll responsabbli għaċ-ċittadini tagħna. F'dak is-sens inħeġġu li l-Istati Membri li bil-voti tagħhom ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill għan-nuqqas ta' fattibbiltà tal-mira ta' 90 % ma għandhomx jinżammu responsabbli jekk eventwalment ma tintlaħaqx il-mira tal-UE għall-2040. Kisbiet bikrija għandhom jiġu rikonoxxuti kif xieraq fil-qafas li jmiss.

Barra minn hekk, minħabba l-inċertezzi sinifikanti fis-settur tal-LULUCF u r-rata ta' użu tal-assorbimenti teknoloġiċi tal-karbonju, mhuwiex xieraq li l-mira vinkolanti ta' tnaqqis nett tal-emissjonijiet tiġi bbażata fuq suppożizzjonijiet dwar il-bjar.

Għalkemm ninnutaw xi titjib fit-test ta' kompromess, partikolarment dwar il-klawżola ta' reviżjoni/rieżami, dawn il-bidliet għadhom mhumiex biżżejjed. Għad hemm ħafna mistoqsijiet miftuħa dwar il-metodoloġija, l-implimentazzjoni u r-robustezza tal-qafas.

Barra minn hekk, miżuri bħall-ETS2 huma mistennija li jaggravaw is-sitwazzjoni billi jżidu l-ispejjeż għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji ż-żgħar, jirriskjaw rigressjoni soċjali u jnaqqsu l-appoġġ pubbliku għall-politika dwar il-klima, filwaqt li ma jwasslux għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet.

Fl-aħħar nett, jiddispjaċina li n-negozjati ta' fajl fundamentali bħal dan twettqu taħt pressjoni konsiderevoli ta' żmien, li mhijiex xierqa għal deċiżjoni ta' importanza strateġika dejjiema bħal din. Huwa meħtieġ approċċ bilanċjat, ibbażat fuq l-evidenza u kredibbli biex jiżgura li l-qafas tal-2040 jibqa' realistiku, soċjalment aċċettabbli u konsistenti mal-objettivi tal-kompetittività tal-Ewropa."

## **DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA**

"Filwaqt li tappoġġa t-test tal-Approċċ Ġenerali għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, il-Latvja tixtieq tenfasizza l-aspetti li ġejjin, li ser ikunu kruċjali biex tirnexxi l-implimentazzjoni tat-tranżizzjoni għan-newtralità karbonika f'pajjiżna.

Hija meħtieġa valutazzjoni tal-impatt dettaljata meta jiġi żviluppat u deċiż il-qafas leġiżlattiv futur biex jiġi żgurat li l-piż tat-tnaqqis tal-emissjonijiet jinqasam b'mod ġust u jkun infurzabbli fl-Istati Membri kollha, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet soċjoekonomiċi differenti tagħhom, l-istruttura tal-emissjonijiet u l-potenzjal ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' kull settur, speċjalment l-aspetti tal-LULUCF, inkluż in-natura kumplessa u l-potenzjal għoli ta' emissjonijiet inerenti tal-ħamrija organika, u l-isfidi ġeopolitiċi.

Huwa l-fehim ċar tagħna li l-bijoenerġija sostenibbli għadu parti mill-portafoll tal-enerġija rinnovabbli, mingħajr ma jinħolqu piżijiet u restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-użu tagħha, speċjalment fir-rigward tar-riżorsi miksuba fl-UE, fejn jiġi applikat approċċ sostenibbli għall-ġestjoni tal-foresti.

Nifhmu l-klawżola ta' rieżami minqaxa fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima bħala mekkaniżmu għar-riieżami tal-mira ġenerali, jekk id-data turi li l-kisbiet reali tal-implimentazzjoni jiddevjaw mit-trajettorja mixtieqa lejn l-għan tal-2040."

## DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

"Il-Litwanja tappoġġa l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali dwar l-emenda għal-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

Madankollu, il-Litwanja tqis li huwa importanti li jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed kundizzjonijiet abilitanti u flessibiltajiet fis-seħħ għall-Istati Membri kollha sabiex jilhqqu l-mira klimatika għall-2040 – inkluż referenza ċara għall-miżuri tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjoekonomiċi u tkun żgurata l-aċċettazzjoni mill-pubbliku wara l-2032, meta jiskadi l-Fond Soċjali għall-Klima – u li teknoloġiji innovattivi jkunu disponibbli u affordabbli għall-Istati Membri kollha.

Barra minn hekk, il-Litwanja tisħaq fuq l-importanza ta' diversi objettivi fis-setturi tal-agrikoltura u tal-użu tal-art, filwaqt li tinnota li għandhom potenzjal limitat għall-mitigazzjoni u sensitività għal fenomeni naturali. Jeħtieġ ukoll li jiġu żgurati l-koerenza bejn is-sigurtà tal-ikel tal-UE, il-kompetittività tas-settur u l-objettivi klimatiċi ambizzjużi ferm.

Huwa ta' importanza assoluta li jiġi żgurat li l-pakkett leġiżlattiv li għandu jiġi ppreżentat fl-2026 li ser jagħti effett lill-mira klimatika tal-UE għall-2040 jinkludi miri għat-tnaqqis ta' gassijiet serra (GHG) għas-setturi tal-agrikoltura u tal-użu tal-art li jkunu jagħmlu sens ekonomiku. Mingħajr salvagwardji adegwati u miżuri effettivi ta' appoġġ, speċjalment strumenti finanzjarji, l-impenji ambizzjużi tal-UE fir-rigward tal-GHG jistgħu jwasslu għal żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, fil-prezzijiet tal-ikel u fir-riskji għas-sigurtà tal-ikel.

Kundizzjonijiet mhux indaqs fost il-bdiewa tal-UE, fejn il-konverġenza ta' appoġġ dirett mhix garantita, ikompli jżidu r-riskju ta' distorsjoni tal-prinċipju ta' kompetizzjoni leali fis-settur tal-agrikoltura. F'dan ir-rigward, il-Litwanja tappella lill-Kummissjoni tesplora kif l-aħjar għandhom jiġu żgurati teknoloġiji u miżuri effettivi għal żvilupp agrikolu sostenibbli, reżiljenti u kompetittiv, filwaqt li tottimizza l-kontribut tas-settur għat-tnaqqis u t-tneħħija tal-GHG permezz ta' użu tal-art u rifořestazzjoni sostenibbli."

## DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Ir-Repubblika Slovakka hija impenjata lejn l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni u lejn l-oġġettiv tal-UE li tilħaq newtralità klimatika sal-2050. Ir-Repubblika Slovakka diġà tissodisfa l-oġġettiv ta' dekarbonizzazzjoni tagħha għall-2030. It-taħlita tal-enerġija tagħna hija ħielsa mill-emissjonijiet wara li l-faħam ikun ġie eliminat gradwalment. Filwaqt li nżommu f'moħħna l-kompetittività tal-industrija Ewropea nemmnu li l-oġġettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet għandhom isiru aktar realistiki aktar milli aktar stretti. L-oġġettivi dejjiema tad-dekarbonizzazzjoni jeħtieġ li jiġu stabbiliti bil-mod it-tajjeb, bi sjieda politika b'saħħitha u qafas ta' abilitazzjoni sod. Il-proċess tal-istabbiliment tal-Mira Klimatika għall-2040 huwa ta' importanza strateġika. Wara sejħa ċara mill-Istati Membri, inkluż ir-Repubblika Slovakka, il-Kunsill Ewropew kellu diskussjoni politika u pprovda l-gwida tiegħu f'Ottubru 2025. Madankollu, ma ntlaħaqx ftehim dwar livell konkret tal-Mira Klimatika għall-2040, li jirrifletti l-kumplessità tal-kwistjoni.

Ir-Repubblika Slovakka tqis li l-livell fil-mira propost ta' 90 % huwa ambizzjuż iżżejjed. Meta jitqies il-kuntest ġeopolitiku attwali, it-tnaqqis fil-bjar tal-karbonju naturali, u l-pass tal-progress teknoloġiku, il-fattibbiltà ta' tali livell fil-mira tqajjem tħassib leġittimu. Għal din ir-raġuni, ir-Repubblika Slovakka ma tistax taqbel mal-Approċċ Ġenerali dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika jrid jinżamm u jiġi rifless fil-proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi kollha li ġejjin. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ottubru 2025, nappellaw biex id-dekarbonizzazzjoni industrijali tiġi segwita b'mod teknoloġikament newtrali. Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2026 ippubblikat reċentement, li jinkludi biss qafas ġdid għall-enerġija rinnovabbli, iqajjem tħassib f'dan ir-rigward. Filwaqt li nappoġġaw bis-sħiħ l-ambizzjoni li titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija, ir-Repubblika Slovakka ma tqisx il-kontinwazzjoni ta' wara l-2030 tal-oqfsa stabbiliti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika la bħala meħtieġa u lanqas f'konformità mal-formulazzjoni proposta tal-Artikolu 4(5) tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima riveduta. Ir-Repubblika Slovakka temmen li l-qafas ta' wara l-2030 għandu jitfassal b'mod li jirrifletti approċċ ibbilanċjat u inklużiv għad-dekarbonizzazzjoni li jappoġġa l-użu tas-soluzzjonijiet kollha b'livell żero u baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mingħajr ma jillimita d-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom stess.

Ir-Repubblika Slovakka tappoġġa l-flessibilità msaħħa fi ħdan u bejn is-setturi u l-istrumenti li hija proposta fl-Artikolu 4(5) c). Fil-fehma tagħna, l-Istati Membri jistgħu jitħallew jiddevjaw minn xi wħud mis-sottomiri (eż. il-miri tal-Enerġija Rinnovabli jew tal-Efficienza Enerġetika), dment li jintlaħqu l-miri ġenerali tad-dekarbonizzazzjoni tagħhom. Dan l-approċċ jappoġġa perkors aktar imfassal apposta u kosteffettiv għan-newtralità klimatika, li jirrifletti d-drittijiet tal-Istati Membri minquxa fit-Trattati, l-ispeċifitàjiet u l-kapaċitàjiet nazzjonali.

Ir-Repubblika Slovakka temmen li l-qafas leġiżlattiv attwali jirrappreżenta kompromess ibbilanċjat bir-reqqa bejn is-solidarjetà u l-kosteffiċjenza. Dan jiżgura li filwaqt li l-Istati Membri kollha jikkontribwixxu għall-ambizzjoni klimatika komuni, l-isforzi tagħhom ikunu proporzjonali għall-kapaċità ekonomika tagħhom. Fil-qafas ta' wara l-2030, jeħtieġ li jiġi rikonoxxut li l-kundizzjonijiet fundamentali, li ġġustifikaw il-bilanċ attwali bejn il-prinċipji msemmija, ma nbidlux. Id-disparitàjiet ekonomiċi bejn l-Istati Membri għadhom konsiderevoli, kif ukoll id-differenzi fl-intensità tal-enerġija, fil-kapaċità teknoloġika, u fl-aċċess għall-finanzi. Għal pajjiżi b'PDG aktar baxx, l-ispejjeż relattivi tat-tranżizzjoni tal-enerġija għadhom konsiderevolment ogħla. F'dan il-kuntest, l-isforzi tal-Istati Membri jridu jkunu bbażati fuq il-PDG per capita u l-prinċipju tas-solidarjetà, biex jiġi evitat li l-piż tat-tranżizzjoni jiċċaqlaq lejn l-Istati Membri bi dħul aktar baxx u kapaċitàjiet fiskali u ta' investiment aktar limitati. Allokkazzjoni sproporzjonata tal-isforzi tirriskja li żżid il-livell ta' faqar enerġetiku u tnaqqar il-kompetittività, partikolarment f'reġjuni li jiddependu fuq setturi industrijali tradizzjonali.

Il-bjar naturali għadhom parti kruċjali mill-isforzi tagħna ta' dekarbonizzazzjoni. Madankollu, il-kontribut tal-bjar naturali jiddependi fuq diversi elementi li ma jistgħux jiġu influwenzati mill-Istat Membru, bħall-impatti tat-tibdil fil-klima u l-impatti tad-disturbi naturali. Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu ċ-ċirkostanzi nazzjonali tiegħu stess li jaffettwaw il-possibilità ta' bjar naturali, bħall-istruttura tal-età tal-foresti u l-ħtieġa ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti. Ir-Repubblika Slovakka tenfasizza l-ħtieġa li jitqiesu s-sinerġiji mal-bijodiversità u li jiġi żgurat li l-isforzi tagħna ta' dekarbonizzazzjoni ma jkunux f'kontradizzjoni diretta mal-oġettivi tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura u bl-għan li nirrestawraw u nippreservaw il-bijodiversità tagħna.

Il-finanzjament tat-tranżizzjoni għadu daqstant ieħpr importanti. Fil-qafas ta' wara l-2030, il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ l-istrumenti finanzjarji li huma fi hndan u barra mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali, inkluż il-kontinwazzjoni tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, il-Fond għall-Innovazzjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Soċjali għall-Klima.

Is-sistema l-ġdida għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet għall-bini, it-trasport bit-triq u setturi addizzjonali (ETS2) għadha ta' tħassib għar-Repubblika Slovakk. L-impatti soċjali huma ferm akbar mill-benefiċċji ambjentali tas-sistema l-ġdida, li huma negliġibbli meta mqabbla magħhom. Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tar-Repubblika Slovakk tat-28 ta' Ottubru 2025 tħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta reviżjoni tas-sistema ETS2 bl-għan li jitnaqqsu l-effetti rigressivi tagħha. Barra minn hekk, u f'konformità mal-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) - li jirrikjedi li l-azzjoni ambjentali tal-UE tqis id-diversità tas-sitwazzjonijiet madwar l-Istati Membri u tiżgura li l-miżuri ma jkunux ta' piż eċċessiv - ir-Repubblika Slovakk tinsab ferm kontra t-tnedija tas-sistema fl-2027.

Ir-Repubblika Slovakk tappella lill-Kummissjoni biex tirrevedi malajr ir-Regolamenti dwar l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-karozzi, il-vannijiet u vetturi heavy-duty. Huwa meħtieġ approċċ aktar flessibbli, teknoloġikament newtrali u prammatiku biex jinkiseb tnaqqis reali fl-emissjonijiet, tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività, u tiġi ppreservata l-koeżjoni soċjali. Peress li l-miri attwali ma jirriflettux bis-sħiħ il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, ir-Repubblika Slovakk tistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra r-rwol tal-fjuwils b'livell zero u baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-tranżizzjoni għal trasport bit-triq b'emissjonijiet zero lil hinn mill-2030, inklużi l-e-fjuwils u l-bijofjuwils sostenibbli, jiġifieri permezz tal-introduzzjoni ta' fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju. Fl-istess ħin, l-adozzjoni ta' vetturi elettriċi bil-batterija (BEVs) għadha modesta f'ħafna Stati Membri, u dan jista' jwassal biex il-manifatturi tal-karozzi jiffaċċjaw sfidi biex jilħqu l-miri stabbiliti u eventwalment riskju ta' penali. Għalhekk, ir-Repubblika Slovakk tappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta mekkaniżmu ta' konformità mal-medja anke għall-miri tal-2030 u l-2035."

## DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

### Dikjarazzjoni 1

"Waqg it-tnejn tal-**Valutazzjonijiet tal-Impatt għall-qafas ta' politika għall-klima għal wara l-2030**, u b'mod partikolari ta' kwalunkwe mira u sforz għal wara l-2030 għall-Istati Membri, il-Kummissjoni se ssegwi l-qafas għal Regolamentazzjoni Aħjar u l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni beħsiebha tipprovdi livell simili ta' dettall bħal fil-Valutazzjonijiet tal-Impatt għall-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", u tinsab lesta li tikkomunika fil-ħin mal-Istati Membri dwar metodoloġiji u inputs kwantitattivi biex tappoġġahom fit-tweġiq tal-analizzjiet speċifiċi għall-pajjiż tagħhom stess.

Waqg it-tnejn ta' dawn il-miri u l-isforzi, il-Kummissjoni beħsiebha wkoll tirrifletti b'mod xieraq **kemm il-kosteffiċjenza kif ukoll is-solidarjetà**, sabiex il-koleġiżlaturi jkunu jistgħu jiddiskutu u jsibu l-bilanċ it-tajjeb bejn dawn il-prinċipji meta jkunu qed jaqblu dwar il-miri."

### Dikjarazzjoni 2

"Kif iddikjarat fl-ittra mill-President von der Leyen lill-Kunsill Ewropew, l-ETS2 għandha tiġi introdotta gradwalment u mingħajr xkiel. Il-Kummissjoni tikkonferma l-intenzjoni tagħha li tipproponi revizzjoni tal-elementi fundamentali tal-qafas ta' implimentazzjoni tal-ETS2 biex tiffaċilita d-dħul fis-seħħ tagħha, f'konformità mal-gwida mogħtija fil-paragrafu 47 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Il-proposti rilevanti se jiġu adottati din is-sena u se jindirizzaw it-tfassil dwar prezzijiet għoljin wisq jew volatili, jagħtu bidu ordnat għas-suq, u jiżguraw trajettorja tal-prezzijiet prevedibbli permezz ta' sistema ta' stabbilizzazzjoni tal-prezzijiet aktar robusta.

Il-Kummissjoni se tipproponi sistema ta' stabbilizzazzjoni tal-prezzijiet aktar robusta, b'mod partikolari billi tkompli ssaħħaħ ir-rwol tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq tal-ETS2, u qed tesplora wkoll il-possibiltà li l-Istati Membri jipprovdu dħul għall-ETS2 minn qabel, f'kooperazzjoni mal-BEI, sabiex jappoġġaw lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju fit-tnaqqis bikri tal-kontijiet tat-tisħin jew tal-mobbiltà tagħhom. Barra minn hekk, id-dħul iġġenerat permezz tal-ipprezzar tal-karbonju, imwassal permezz tal-Fond Soċjali għall-Klima, se jgħin f'erba' oqsma ċari: is-superament tal-faqar enerġetiku u tat-trasport; l-użu ta' teknoloġija nadifa magħmula fl-UE; it-tnaqqis tad-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili; u l-ilhug tal-għanijiet klimatiċi tagħna.

It-tranżizzjoni jeħtieġ li tkun ġusta u ekwa, fejn l-unitajiet domestiċi partikolarment vulnerabbli, il-kumpaniji żgħar u r-reġjuni l-aktar esposti għal bidliet strutturali jiġu protetti u appoġġati."